MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 2365/1999/1

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**v.**

**Stanley u Margaret konjugi Sullivan**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu s-socjetà attrici, wara illi ppremettiet illi, fuq inkarigu ta' certu Steve Gilmore, is-socjetà attrici nstallat numru ta' *air-conditioning units* fit-

*Tower Point Guest House* (ta' 4 Triq Sir George Borg, Sliema) li dak iz-zmien kienet gestita mill-istess Steve Gilmore, kollox skond il-fattura numru 8872 tal-10 ta' Marzu 1998 (Dok. A esibita), bil-prezz komplessiv ta' hamest elef u hamsin lira Maltin (Lm5050); illi ghalkemm interpellat diversi drabi biex ihallas, l-imsemmi Steve Gilmore baqa' inadempjenti u, meta giet biex tipprocedi kontrih, l-attrici sabet li kien gjà telaq l-imsemmija *Guest House* u ntilfu ghal kollox it-tracci tieghu; illi, fil-frattemp, il-konvenuti bhala proprjetarji tal-*Guest House* fuq riferita, baqghu juzaw u jgawdu l-*air-conditioners* in kwistjoni minghajr ma hallsu xejn mill-prezz dovut, anki wara li gew debitament interpellati; illi fic-cirkostanzi l-proprjetà tal-konvenuti zdiedet fil-valur minhabba l-*air-conditioning* fuq riferit u dan jikkostitwixxi arrikkiment indebitu da parti tal-konvenuti a skapitu tas-socjetà attrici; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1) tiddikjara li s-socjetà attrici ghandha tiehu s-somma ta' hamest elef u hamsin lira Maltin (Lm5050) tal-*air-conditioning units* installati fil-*Power Point Guest House* fuq riferita, skond il-fattura esibita (Dok. A); 2) tiddikjara illi s-socjetà attrici ezawrit il-mezzi taghha kollha biex tipprova tithallas minghand Steve Gilmore, il-persuna li tat l-appalt in kwistjoni; 3) tiddikjara illi, fic-cirkostanzi, l-konvenuti, *qua* proprjetarji tal-*Guest House* fuq riferita, arrikkew ruhhom indebitament a skapitu tas-socjetà attrici; 4) konsegwentement, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' hamest elef u hamsin lira Maltin (Lm5050) fuq il-principju tal-kwazi kuntratt *actio del rem verso* (*sic*); bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta' Jannar 1999 u tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 1999, kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetà attrici, guramentata minn Pauline Cilia, u l-lista tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, minn dik il-Qorti, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi bejn is-socjetà attrici u l-konvenuti qatt ma kien hemm xi forma ta' arrangament kontrattwali, u ghalhekk l-istess konvenuti m'humiex il-legittimi contradictus (*sic*) fil-kawza odjerna;

Illi l-arrangament kontrattwali li kien fil-fatt jezisti, u cioè bejn is-socjetà attrici u terzi, kien f'sura ta' obbligi personali assunti mill-partijiet f'dan l-istess arrangament;

Illi l-figura legali li s-socjetà attrici donnha trid tatribwixxi lill-azzjoni odjerna, ma tinkwadrax ruhha fid-disposizzjonijiet tal-Ligi Maltija, u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Stanley Sullivan, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta' April, 2002 illi permezz taghha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' hamest elef u hamsin lira Maltin (Lm5050) kif mitluba bl-imghax kummercjali u bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-atturi kienu nstallaw numru ta' *air conditioners* fit-*Tower Point Guest House*, f'Tas Sliema fuq inkarigu ta' Steve Gilmore li kien imexxi dina l-*guest house*. Illi l-atturi kienu ppruvaw jinterpellaw lill dan Gilmore biex ihallas, izda wara rrizultalhom li dana kien harab minn Malta. Sussegwentement il-konvenuti, li kienu l-proprjetarji tal-*guest house*, regghu rriprendew pussess tal-*guest house* li kien fiha l-*aircondtioners* installati mill-atturi. Dawn interpellaw lill-konvenuti biex ihallsu l-prezz taghhom izda rrifjutaw li jhallsu billi qed jikkontendu li huma ma kienux ordnaw l-*airconditioners* u *se mai* l-atturi kellhom ifittxu lill Gilmore u mhux lilhom.

"L-atturi qed jesperixxu l-azzjoni maghrufa bhala *de in rem verso* . Dina l-azzjoni hija wahda sussidjarja meta l-azzjoni *ex contractu* mhux possibbli u hija proponibbli meta d-danneggjat ma jistax jesperixxi azzjoni ohra biex inehhi l-pregudizzju subit (ara Torrente u Schelsinger). L-azzjoni hi bazata fuq il-principju li persuna ma tistax tiehu vantagg minn dannu arrekat lill haddiehor (*nemo locupletari cum aliena iactura*) u il-limiti taghha hu sal vantagg li t-terza persuna takkwista. L-azzjoni ssir biex jigi ristabilit ekwilibriju bejn iz-zewg patrimoni.

"Il-konvenuti qed jippretendu li l-atturi l-ewwel messhom agixxew kontra d-debitur principali, Gilmore, anke permezz ta' nomina ta' kuraturi, imbaghad iduru kontra taghhom, fil-kaz li jkollhom ezitu negattiv fl-azzjoni taghhom. Fil-kaz in ezami l-atturi ma setghux jagixxu kontra Gilmore billi dan kien harab minn Malta u ma halla xejn warajh hlief dejn, kif inhu ammess mill-konvenuti. Dwar is-sottomissjoni tal-konvenuti li l-atturi agixxew kontra Gilmore bil-kuraturi fil-kaz tax-xoghol li sar f'Ghawdex, l-atturi spjegaw li dan sar billi f'dak il-kaz ma kien sar ebda arrikkiment minn hadd, mhux bhal ma gara fil-kaz taghhom.

"Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-atturi ma kellhomx azzjoni ohra x'jesperixxu biex inehhi [*recte*: inehhu] l-pregudizzju subit hlief l-azzjoni prezenti.

"Kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenuti li huma ma bbenefikaw bl-ebda mod mill-istallazzjoni ta' dawn l-*airconditioners* fil-*guest house* taghhom, il-Qorti taghmel riferenza ghall provi prodotti minn fejn jirrizulta li l-konvenuti kienu qed jaghmlu uzu minn dawn l-*airconditioners* meta kellhom bzonn u meta jikru kmamar li jkollhom l-uzu tal-*airconditioners* huma jiccargjaw aktar. Ghalhekk il-konvenuti bbenefikaw minn dawn l-*airconditioners*. Anke l-*guest house* zdiedet fil-valur u meta tigi biex tinbiegh il-konvenuti ser idahhlu aktar. Il-*guest house* b'dan il-mod zdietilha r-*rating*.

"Kwantu ghall-ammont mitlub Dok A fol. 5 dan l-ammont ma giex kontestat. Il-konvenuti pprezentaw *invoice* ohra ara fol. 28 izda kif spjegaw l-atturi dan il-kont jirreferi ghax xoghol li sar fil-post ta' Gilmore f'Ghawdex."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:
"… li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokaha *in toto* fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi ukoll jithallsu mis-socjetà attrici appellata";

Rat ir-risposta tas-socjetà attrici illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi l-appell tal-konvenuti jigi michud bhala ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt u illi s-sentenza appellata tigi konfermata fl-intier taghha (inklus l-imghax kummercjali), bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-parti sostantiva tar-rikors ta' appell, jigifieri dik illi tikkontjeni l-aggravji kontra s-sentenza appellata (mill-ahhar paragrafu a fol. 57 sa l-ewwel paragrafu a fol. 59), hija prattikament riproduzzjoni - b'ziedet zghar ta' ftit jew xejn importanza - tal-kontenut kollu tan-nota ta' sottomissjonijiet illi l-konvenuti intavolaw ghall-konsiderazzjoni ta' l-ewwel Qorti fit-tmintax (18) ta' Jannar, 2002 (fol. 42 u 43);

Essenzjalment, dak illi ssottomettew il-konvenuti appellanti fl-imsemmija nota taghhom u fir-rikors ta' appell huwa:

1. Illi l-azzjoni attrici, illi hija l-*actio de in rem verso*, ma tistax tirnexxi ghaliex is-socjetà attrici ma esawrixxietx ir-rimedji illi kellha fil-konfront tad-debitur principali taghha;

2. Illi ma giex pruvat l-arrikkiment indebitu tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi, qabel xejn, tajjeb illi jigi rilevat illi dak avanzat permezz taz-zewg (2) sottomissjonijiet illi ghadhom kemm issemmew kellu jigi avanzat *per via di eccezione*. Ma jirrizultax illi l-konvenuti ressqu xi eccezzjoni (jew eccezzjonijiet) illi tinkorpora dawn is-sottomissjonijiet taghhom. Infatti, kwantu ghall-*actio de in rem verso*, il-konvenuti ressqu eccezzjoni wahda u permezz taghha ssottomettew biss illi din l-azzjoni, fil-kliem testwali ta' l-istess eccezzjoni (fol. 11):
"… ma tinkwadrax ruhha fid-disposizzjonijiet tal-Ligi Maltija …";

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi eccezzjoni fis-sens tas-sottomissjojiet hawn fuq elenkati ta' l-appellanti ma tistax tinghata fi stadju ta' appell;

Dan premess, dina l-Qorti tista' tieqaf hawn u tirrespingi l-appell però hija, xorta wahda, sejra tikkonsidra brevement is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti;

Ikkunsidrat:

Illi, kwantu ghall-ewwel (1) sottomissjoni, tajjeb illi jinghad mill-bidu illi, ghal dak illi jirrigwarda r-rikors ta' appell, l-appellanti mhux qed jissottomettu illi fis-sentenza appellata hemm esposizzjoni zbaljata tal-posizzjoni legali in materja. Dina l-Qorti tifhem illi dak illi qed jissottomettu l-appellanti huwa illi l-ewwel Qorti ghamlet valutazzjoni u apprezzament zbaljat tal-provi prodotti sabiex waslet ghall-konkluzjoni illi s-socjetà attrici esawrixxiet ir-rimedji hawn fuq imsemmija. Dina l-Qorti, wara illi ezaminat sewwa l-provi prodotti ma ssibx raguni - salv il-precizazzjoni illi sejra taghmel aktar 'l isfel - ghala ghandha tiddisturba tali valutazzjoni u apprezzament tal-

provi maghmul mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, senjatament fil-parti hawn riprodotta (fol. 53):
"Il-konvenuti qed jippretendu li l-atturi l-ewwel messhom agixxew kontra d-debitur principali, Gilmore, anke permezz ta' nomina ta' kuraturi, imbaghad iduru kontra taghhom, fil-kaz li jkollhom ezitu negattiv fl-azzjoni taghhom. Fil-kaz in ezami l-atturi ma setghux jagixxu kontra Gilmore billi dana kien harab minn Malta u ma halla xejn warajh hlief dejn, kif inhu ammess mill-konvenuti" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Il-precizazzjoni illi trid taghmel dina l-Qorti hija illi l-ewwel Qorti, fis-silta appena citata mis-sentenza appellata, kienet tkun aktar korretta kieku, fid-dawl tal-provi minnha puntwalizzati, minflok ma qalet "Fil-kaz in ezami l-atturi ma setghux jagixxu kontra Gilmore", qalet "Fil-kaz in ezami kien ikun futili illi l-atturi jagixxu kontra Gilmore". Però, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, fiz-zewg ipotesi, ir-rizultat ahhari huwa l-istess;

Ghar-ragunijiet moghtija, l-ewwel (1) sottomissjoni ta' l-appellati mhix valida u qed tigi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi t-tieni (2) sottomissjoni ta' l-appellanti tirrazenta l-frivolu meta jigi konsidrat illi l-konvenut Stanley Sullivan, waqt illi kien qed jigi kontroezaminat fl-udjenza tat-tnejn (2) ta' Frar, 2001, qal hekk (fol. 26):
"Ahna nuzaw dawn l-*air conditioners* meta l-*guests* li jkollna jitolbuna kamra bl-*airconditioners*" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

u l-konvenuta Margaret Sullivan, waqt il-kontroezami taghha fl-udjenza tal-hmistax (15) ta' Novembru, 2000, qalet hekk (fol. 22):
"Dawn l-*airconditioners* ahna uzahniehom. Meta jkun hemm bzonn nuzawhom. … Fejn ikun hemm *airconditioners* ahna niccargjaw aktar" (sottlinear ta' dina l-Qorti);

Kellha ragun, ghalhekk, l-ewwel Qorti illi fis-sentenza appellata tghid hekk (fol. 53):
Kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenuti li huma ma bbenefikaw bl-ebda mod mill-installazzjoni ta' dawn l-*airconditioners* fil-*guest house* taghhom, il-Qorti taghmel riferenza ghall provi prodotti minn fejn jirrizulta li l-konvenuti kienu qed jaghmlu uzu minn dawn l-*airconditioners* meta jkollhom bzonn u meta jikru kmamar li jkollhom l-uzu tal-*airconditioners* huma jiccargjaw aktar";

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------